# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

10 ta' Jannar, 2024

Avviz tat-Talba numru: 5/2021 CL

**Attard Bros Construction Materials Ltd (C 29511)**

**VERSUS**

**Dr Fransina Abela bhala kuratur deputat sabiexx tirraprezenta lis-socjeta Jaguar Construction Ltd (C88313)**

it-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Jannar, 2021 fejn is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi ikkundanata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u erbghin euro u sittin centezmu (€4,647.60) rapprezentati l-bilanc tal-prezz dovut mis-socjeta kovenuta fuq kont kurrenti marbut ma' diversi forrnituri ta' materjali tal-bini, inkluz bricks, xahx, jumbo bags, ramel. zrar, cement, lintels u ohrajn mibjugha u li gew ikkonsenjati bl-ingrossa mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta konvenuta skond kif jirrizulta mill-istatements u fatturi immarkat Dok ABCML1 u ABCML2. Bl-ispejjez u l-imghax legali mill-15 ta' Mejju 2019.

Rat ir-risposta tal-kuratur ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2022 fejn m'hiex edotta mill-fatti u irrizervat illi tipprezenta ulterjuri jekk jkun il-kaz.

Fit-12 ta' Jannar 2022 xehed Dennis Gravina, Credit Control Executive ta' Attard Bros Construction Materials Ltd li ikkonferma l-istatements a foll 4 u 5 tal-process fejn l-ammont pendenti huwa ta' €4.647.60 ghal materjal li tkun inxtrat mis-socjeta konvenuta skond il-fattura li hemm a foll 92 sa 104 li huma indikati bin-numru fl-istess statement u li kienu ghadhomm ma thalsux. Ma kien sar ebda pagament minn dan l-ammont u kien hemm ukoll imghax u spejjez legali dovuti ukoll. Rega' xehed fit-23 ta' Marzu 2022 fejn ipprezenta rendikont tal-fattura li ghadhom pendenti immarkat Dok DC1 filwaqt illi dak a foll 4 u 5 huwa rendikont minn 2019 il-quddiem li parti minnhom kienu thalsu. Sar il-kontro ezami fejn qal illi dawn ma kienux cash sales imma kien hemm credit arrangement u l-klijent kellu kont maghhom. Huma ma kellhomx specimen tal-firma ghax ix-xoghol jmur fuq il-post tax-xoghol u gieli jiehduhom il-bennejja jew il-burdnara ghan-nom tal-klijent u jghadu ukoll l-invoice bl-email u jibghatu statements kull xahar u l-klijenti jirrikonciljawhom mad-dokumenti taghhom.

Saret it-trattazzjoni u l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza.

Fis-26 ta' Jannar 2023 it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza wara li kienet giet pprezentat nota tar-Ricevitur Ufficjali fil-vesti tieghu bhala stralcarju tas-socjeta konvenuta li informa lit-Tribunal li kien inhatar bhala stralcarju wara li s-socjeta konvenuta kienet giet xolta mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) u skond l-artikolu 224 tal-Kap 286 dawn il-proceduri setghu jitkomplew biss bil-permess tal-istess Qorti. Fis-16 ta' Awwissu 2023 giet ipprezentata kopja tad-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) li awtorrizzat li l-kawza odjerna titkompla u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati. Jirrizulta illi kien hemm negozju bejn iz-zewg socjetajiet, fejn is-socjeta attrici kienet tikkonsenja materjal lis-socjeta konvenuta fuq bazi ta' kreditu akkont u kien jsir pagament fil-kont kull tant zmien. Minkejja li s-socjeta attrici kienet ikkonsenjat materjal lis-socjeta konvenuta, din waqfet taghmel il-pagamenti u halliet ammont pendenti ta' €4,647.60. Irrizulta li s-socjeta konvenuta kienet giet xolta u inhatar straljarju u ghalhekk il-proceduri odjerni ma setghux jitkomplew minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) liema awtorizazzjoni inghata permezz ta' digriet datat 23 ta' Gunju 2023[1].

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta Jaguar Construction Ltd thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u erbghin euro u sittin centezmu (€4,647.60) bl-imghax mill-20 ta' Settembru 2019[2] sal-hlas shih u effettiv. L-ispejjez tal-proceduri odjerni jithalsu mis-socjeta konvenuta b'dan illi l-ipsejjez tal-kuratur jithalsu provisorjament mils-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Foll 148

[2] stante li kienu ghadhom jsiru pagamenti akkont sal-20 ta' Settembru 2021 kif jidher a foll 5